# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Ottubru 2001**

**Numru**

**Citaz. numru: 1323/83 K1 NA**

**Anthony Fino ghan-nom u fl-interess ta' Finalumin Ltd.**

**vs**

**Joseph Carbonaro**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata fejn peress illi l-attur nomine issupplixxa lill-konvenut b'xoghol ta' aluminium fid-dar tieghu ta' valur ta' Lm371.60 (tliet mija u wiehed u sebghin lira, u sittin centezmu); u billi l-konvenut ghalkemm interpellat diversi drabi, anke ufficjalment, biex ihallas baqa' inadempjenti;

TALAB li din il-Qorti:-

1. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine s-somma ta Lm371.60 fuq imsemmija, bl-imghax u l-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-13 ta' Ottubru 1983.

Il-konvenut jibqa ingunt ghas-suhizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa illi x-xoghol maghmul mill-attur nomine hu difettuz u mhux skond l-arti w is-sengha u ghalhekk ma jistax jippretendi hlas ghalih u ghalhekk l-azzjoni hi intempestiva u ghaldaqstant t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Mejju 1984 fejn gie nominat bhala Perit Legali l-Avukat Dr. Raymond Borg sabiex jirrelata dwar it-talbiet attrici.

Rat id-digriet taghha tat-8 ta' Frar, 1985 fejn il-Qorti ssostitwiet l-Avukat Dr. Raymond Borg bl-Avukat. Dr. Joseph Vella, bl-istess inkarigu.

Rat id-digriet taghha tas-27 ta' Mejju 1986 fejn il-Qorti ssostitwiet lill-Perit Legali Dr. Joseph Vella b'Dr. David Tonna.

Rat id-digriet taghha tal-24 ta' Mejju 1989 fejn il-Qorti rrevokat l-inkarigu ta' Dr. David Tonna u ssostitwiet ghalieh lill-Perit Tekniku William Cassar Torregiani bl-istess inkarigu u fakultajiet moghtija lill-Perit precedenti.

Rat id-Digriet taghha tal-21 ta' Novembru 1990 fejn ii-Qorti irrevokat l-inkarigu tal-Perit Tekniku William Cassar Torregiani u ssostitwiet ghalih lil Victor Licari bl-istess inkarigu u fakoltajiet tal-perit precedenti.

Rat ir-rikors tal-Perit Tekniku Victor Licari fejn stante li kellu rapporti kummercjali regolari mas-socjeta' attrici u b'hekk ma kienx f'pozizzjoni li jaccetta l-inkarigu lilu moghti, talab li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevokalu dak l-inkarigu.

Rat id-digriet taghha tal-1 ta' April 1991 fejn laqghet it-talba tar-rikorrent Victor Licari.

Rat id-digriet taghha tas-17 ta' Gunju 1991, fejn stante li l-Perit Tekniku Victor Licari gie ezonerat mill-inkarigu tieghu fuq

talba tieghu stess, il-Qorti ssostitwiet ghalih lill-AIC Renato Laferla bl-istess inkarigu u fakolta'.

Rat ir-rikors tal-attur nomine pprezentat fis-17 ta' Ottubru 1994, fejn talab lill-Qorti li f'kaz li l-konvenut jerga' ma jressaqx il-provi tieghu fis-seduta li jmiss, tordna lill-Perit Tekniku jghaddi ghar-relazzjoni tieghu fuq il-provi migbura.

Rat ir-rikors tal-attur nomine pprezentat fis-6 ta' Jannar 1995, fejn talab lill-Qorti li f'kaz li l-konvenut jerga' ma jressaqx il-provi tieghu fis-seduta li jmiss, tordna lill-Perit Tekniku jghaddi ghar-relazzjoni fuq il-provi li hemm.

Rat id-digriet taghha tad-9 ta' Jannar, 1995**,** fejn it-talba tar-rikorrent giet akkordata.

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku AIC Renato Laferla pprezentata fit-2 ta' Settembru 1996, u mahluf fil-21 ta' Frar 1997. Illi l-Perit Tekniku wara li zamm diversi seduti u zewg accessi kkonkluda hekk kif gej:

"*Illi x-xoghol li l-attur qed jghid li ghamel u li tieghu qed jippretendi l-hlas huwa konsistenti minn (i) zewg tulijiet ta'*

*'railing' dekorattiv tal-aluminju … … u ta' dawn l-attur nomine qed jippretendi hlas ta Lm141.80; (ii) grada ... ukoll tal-aluminju... li taghha l-attur qed jippretendi Lm78 u (iii) il-hadid tal-gemb tat-tarag, anke dan tal-aluminju … li tieghu l-attur noe qed jippretendi Lm151.80.*

*Illi fl-access hareg bic-car li l-konvenut ma kienx qed jilmenta milI-materjal li minna x-xoghol kien maghmul, izda mill-mod kif sar l-immuntar tieghu.*

*Illi ghandha tigi kkunsidrata serjament, mill-banda l-ohra, d-distinzjoni bejn dak ix-xoghol li huwa spikkatament dekorattiv bhal ma huwa l-hadid ta' fuq ic-cint minn dak li huwa prevalentement funzjonali, bhal ma huwa l-grada w il-hadid ta' ma genb it-tarag, minn liema distinzjoni ghandu jsegwi li fil-kaz ta' l-ewwel, il-"pop rivets" (li forza ghandhom relattivament ftit hafna) setghu kienu bizzejjed, waqt li fil-kaz tat-tieni, setghu kienu bizzejjed anke ftit viti halli jzommu l-grada, imma mhux biex wiehed jitfa' l-piz tieghu maghhom biex jitla' t-tarag.*

*… Illi konsegwentement … l-eccezzjoni li qed jaghti l-konvenut li x-xoghol ma sarx ta' sahha sufficjenti kif messu sar, ghandha tintlaqa' in kwantu ghax-xoghol tal-hadid tat-*

*tarag, imma ghandha tigi respinta in kwantu ghall-grada w ix-xoghol ta' fuq il-hajt ta' barra.*

*… Illi in konkluzzjoni … il-konvenut ghandu jigi kkundannat li jhallas lill-attur nomine, is-somma ta' Lm141.80 + Lm78 = Lm219.80, u naturalment, jirritorna "in good order and condition" dik il-parti li mhux ser jigi qed ihallas taghha, u fil-kaz li huwa jonqos li jaghmel dan, ihallas lill-attur nomine bhala kumpens ta' tali nuqqas, is-somma ta' Lm75.*"

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti ma taqbilx ghal kollox ma' din l-ahhar parti tal-konkluzzjoni tal-Perit Tekniku.  Allavolja l-eccezzjoni ta' l-intempestivita' tista' treggi fis-sens illi fir-rigward tal-hadid tal-genb tat-tarag dan ma tqieghedx sew u kellu bzonn izjed viti b'izjed forza, stante li l-konvenut ghamel uzu minnu tul dawn is-snin kollha (mill-1983), u baqa' jgawdi dan ix-xoghol, u qatt ma rritornah jew iddepozitah, ma jistax ma jhallasx tax-xoghol li fil-fatt sar.  Wara kollox ix-xoghol per se ta' hadid sar sew kif jikkonferma l-Perit Legali, u li ma sarx sew huwa t-twahhil tax-xoghol.

Huwa ovvju li m'ghadux possibbli li llum il-konvenut jirritorna lura dan ix-xoghol *in good order and condition*, u barra minn hekk l-attur m'ghandux ikun obbligat li jiehdu lura wara kwazi ghoxrin sena minghajr ma jithallas tieghu.

Il-Qorti ma thossx illi wara dan iz-zmien kollu huwa prattiku li tordna lill-attur f'terminu specifiku illi jaghmel dak ix-xoghol necessarju biex jikkompleta l-appalt totalment skond is-sengha u l-arti billi jirranga l-viti u jwahhal adegwatament il-hadid in kwistjoni. Huwa invece ferm aktar prattiku f'dan l-istadju billi l-Qorti taccetta l-parir tal-Perit Tekniku u fuq il-hadid tal-genb tillikwida s-somma ta' hamsa u sebghin lira Maltin (Lm75) flok dik is-somma superjuri mitluba mill-attur nomine li jirrizulta illi, minkejja li xi lmenti tal-konvenut kienu gustifikabbli, ma thallasx ta' xogholu li, fil-maggior parti, kien sar skond is-sengha u l-arti.

Ghandu jigi osservat illi minkejja li r-rapport peritali gie mahluf fis-seduta tal-21 ta' Frar 1997 u l-kawza differita ghall-21 ta' April 1997 bil-hin ghall-ezami tar-rapport, il-konvenut u d-difensur tieghu ma dehrux ghal dawn is-seduti kif ma dehrux fid-diversi differimenti ohra li fihom kellha tinghata din is-sentenza. L-attur invece, tramite d-difensur tieghu, kien

irremetta ruhu ghar-rapport peritali anke qabel ma dan gie mahluf u cioe' fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 1996. Minkejja li dan mhuwiex determinanti, huwa rilevanti ghas-soluzzjoni ta' din il-kawza li hija ghalhekk deciza billi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici limitatament pero' ghall-ammont ta' mitejn u erbgha u disghin lira Maltija u tmenin centezimu (Lm294.80) u tikkundanna lill-konvenut ihallas dan l-ammont bl-ispejjez kollha ta' din il-kawza filwaqt illi l-imghax legali ghandu jibda jiddekorri millum.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.